**SUBMERSI FILII**

Ma fadalx wisq xi ngħid

la t-tfal

bdew

jegħrqu.

Kont hemm u rajt il-bżieżaq f'wiċċ il-baħar.

Kienu bosta l-profeti li ħabbrulna:

"Mewġ qalil se jobrom: għallmu ż-żgħar jgħumu!"

L-aqwa ġenitur ma jsibx tarf dan l-ilma.

Għax kont hemm –

kont naf ...

ġenitur –

ifhmuni.

Issa l-ulied

niżlu

taħt l-ilma

mqalleb:

inutli nibqgħu

fuq il-fond

intanbru.

Kondoljanzi 'l dawn l-ommijiet

bla ħtija.

Kondoljanzi 'l kull missier li ma tgħallimx

is-sinjali tal-qilla ta' traġedja

ta' forza akbar minna u ħażina,

li kienet ilha riesqa f'dawn l-inħawi.

Jonqosni mmur f'kamritha

nitfi l-lampa;

il-kutri l-bojod

li saħħnuha

nitwi.

Niġbor ġo borża kbira

l-ġugarelli.

Flok binti

npinġi stampa

bi lwien jgħajtu.

**NOM DE PLUME: GUARENA**